32000R1009

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1009/2000
tat-8 ta' Mejju 2000
li jikkonċerna żidiet kapitali tal-Bank Ċentrali Ewropew

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Protokoll fuq l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-Istatut") u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni li saret mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [2];

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej [3],

Waqt li aġixxa skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 107(6) tat-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea ("it-Trattat") u l-Artikolu 42 ta' l-Istatut,

Billi:

(1) L-Artikoli 28(1) u 28(2) ta' l-Istatut jirrikjedu li l-BĊE jkun provdut mill-banek ċentrali nazzjonali b'kapital ta' 5 000 miljun euro, li għandhom jidħlu fis-seħħ hekk kif il-BĊE jkun stabbilit.

(2) L-Artikolu 28(1) ta' l-Istatut jipprovdi li l-kapital jista' jiżdied b'dawn l-ammonti hekk kif jista' jkun deċiż mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE, fil-limiti u taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti mill-Kunsill.

(3) L-Artikolu 123(1), b'konġunzjoni ma' l-Artikolu 107(6) tat-Trattat jipprovdi li immedjatament wara l-1 ta' Lulju 1998 il-Kunsill għandu jadotta il-provvediment imsemmi fl-Artikolu 28(1) ta' l-Istatut.

(4) Dan ir-Regolament jistabbilixxi limitu għall-żidiet fil-futur fil-kapital tal-BĊE, b'hekk jagħti s-setgħa lil Kunsill Regolatorju tal-BĊE sabiex jiddeċiedi fuq żieda attwali f'xi waqt fil-futur sabiex isostni s-suffiċjenza tal-bażi kapitali meħtieġa biex tappoġġja l-operazzjonijiet tal-BĊE,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Żidiet fil-kapital tal-BĊE

Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE jista' jżid il-kapital tal-BĊE 'l fuq mill-ammont speċifikat fl-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 28(1) ta' l-Istatut b'ammont addizzjonali sa 5 000 miljun euro.

Artikolu 2

Dispożizzjoni finali

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skond it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

Magħmul fi Brussel, fit-8 ta' Mejju 2000.

Għall-Kunsill

Il-President

J. PINA MOURA

---

[1] ĠU C 411, 31.12.98, p. 10.
[2] ĠU C 219, 30.07.99, p. 182.
[3] L-opinjoni mwassla fit-8 ta' Marzu 2000 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).